**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT**

**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Seduta tal-Kolliżjonijiet**

**Sentenza**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**v**

**Christopher Carabott**

Illum, 21 ta' Ġunju 2017

Il-Qorti:

Rat li Christopher Carabott [...] I.D. 250371 (M).

Akkużat talli fid-19/05/2015, għall-ħabta ta' 19:15 hrs fl-inħawi ta' Ħal Far B'Buġia waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ACE 101;

1. Bħala sid tal-vettura, naqas li jara li jkollu dejjem u f'kull żmien liċenzja maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.
2. Saq l-istess vettura mingħajr ma kien (persuna)/kienet (vehicle) kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskji tat-terzi persuni.
3. U talli saq l-istess vettura mingħajr ma kienet lienzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq.

4. U b'xi kitba jew tpinġija jew b'mod ieħor ħassar, biddel sfigura jew żied xi ħaġa fil-liċenzja tal-istess vettura jew qiegħed fl-istess vettura liċenzja li kienet mibdulha, mħassra, sfigurata jew li kienet miżjudha xi ħaġa fiha.
5. U aktar talli prova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt.
6. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura nru ACE 101 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi.
7. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed jagħmel użu mill-vettura ACE 101 b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għamel xi ħsara jew għarraq xi ħaġa ghad-dannu ta' Clayton Farrugia u Edward Micallef.
8. Bhala sid ta' l-istess vettura naqas li jżomm dik il-vettura nadifa u fi stat tajjeb ta' tiswija.
9. Saq vettura Nru ACE 101 b'manjiera **(a)** traskurata.
10. Saq vettura Nru ACE 101 b' **(b)** perikoluza.
11. Saq vettura Nru ACE 101 b' **(c)** u bla kont.

Rat l-artikoli 14(3) L.S. 368/02, Art 3(1) Kap 104, Art 15(1)(a)(3) Kap 65, Art 44(3) S.L. 198/09, Art 15B tal-Kap 65, Art 15A tal-Kap 65, Art 328(d) tal-Kap 9, Art 126 L.S. 65.11, Art 126 L.S. 65.11, Art 15(1)(a)(2) tal-Kap 65.

Semgħat id-depożizzjoni ta' George Stagno Navarra u ra d-dokument prodott minnu;

Rat id-dokumenti esibiti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2017, mingħajr ma kellu assistenza legali stante li rrifjutaha

meta offritielu l-Qorti u għalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssibu ħati tal-akkużi kif dedotti kontra tiegħu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat b'mod l-iktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tagħtu żmien xieraq biex jekk ried, seta' jerġa' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tiegħu għall-akkużi kollha ġiet reġistrata fl-atti ta' din il-kawża fl-istess seduta tad-19 ta' Mejju 2017;

In vista tal-ammissjoni reġistrata mill-imputat fl-ewwel opportunita` mogħtija lilu, il-Qorti sejra tinfliġġi piena minima.

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-liġi u ċjoe` l-artikoli 328(D) Kap 9; 3(1) tal-Kap 104; 15(1)(a)(2), 15A u 15B tal-Kap 65; Regolamenti 14(3) tal-L.S. 368/02; 44(3) tal-A.L. 198/09; u 126 tal-L.S. 65.11; tiddeċiedi li ssib lill-imputat Christopher Carabott ħati tal-akkużi kollha dedotti kontrih; tqis li d-9, l-10 u l-11-il akkuża huma assorbiti fis-7 akkuża filwaqt li l-5 akkuża hija assorbita fis-6 akkuża u tikkundannah għal multa komplessiva ta' tlett elef euro (€3,000) li għandha titħallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt euro (€100) b'dan illi jekk l-imputat jonqos milli jħallas puntwalment xi pagament il-bilanċ isir awtomatikament dovut kollu f'daqqa; bl-ewwel pagament isir mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju 2017 u dan ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tissospendilu l-liċenzji tas-sewqan għal perjodu ta' sena b'effett millum f'nofsilejl.

Grazio Mercieca LL.D.

Maġistrat